Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 207 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Colin Sheldon

Vs

Michael Debono

Illum 12 ta' Dicembru 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Michael Debono detenur tal-karta tal-identita Maltija 240268 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghan-nom u in rapprezentanza ta' NPA International Ltd (C 52913) u / jew bhala persuna registrata mall-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jumtat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-taxxi (2) id-denunzji, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 t' Awwissu, 2105 u fit-30 ta' Novembru, 2015 u dan bi ksur tal-artikolu 30, 66, 76 (c) u 76 (d) ta' l-Att XXIII ta' l-1998.

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija;

1. Tinfliggi l-piena skont il-ligi; jew
2. Minbarra li tinfliggi l-piena skont il-ligi, fuq talba tal-Prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruhhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m' ghandux jeccedi tlett xhur, that multa ta' hames ewro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 30, 66, 76 (c), u 76 (d) ta' l-Att XXIII ta' l-1998 li r-responsabilita bhala company secretary kienet tal-imputat biex jaghmel dak li hu mehtieg ghaldaqstant sabitu hati u ikkundannatu ghal mulkta ta' disa' mitt ewro u taghtu tlett xhur sabiex jirregola ruhu u fin-nuqqas ikun hemm multa ta' hames ewro kuljum li dan in-nuqqas ikompli.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Michael Debono, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Mejju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Thassar, tikkancella u tirrevoka is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet premessi tal-25.04.2018 u tillibera lill-appellant minn kull htija u imputazzjoni ai termini tal-Ewwel u t-Tieni Aggravju; jew alternativament
2. Tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ksur tal-ligi sad-data tar-rizenja tieghu u fejn ikkundannatu ghal multa izda tirriformaha billi timponi multa ta' seba' mitt Ewro (€700) in sostituzzjoni tal-multa originarjament imposta ta' disa' mitt Ewro (€900), u tirrevokaha fejn bl-applikazzjoni tal-Art. 76 tal-Kap. 406 ordnatlu sabiex jikkonforma ruhu fi zmien tlett xhur b' multa ta' hames Ewro (€5) kull jum ghal kull gurnata li tghaddi wara dan iz-zmien fejn jibqa' jippersisti dan in-nuqqas

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-Appellanti hass ruhu aggravat minn din is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

L-Ewwel Aggravju:

1. Illi, l-**<u>Ewwel Aggravju tal-Appellant</u>** jikkonsisti mill-fatt li *n-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipproduċi prova essenzjali għad-difiża tal-imputat flimkien mar-rifjut tal-Ewwel Onorabbli Qorti li tħalli lill-imputat jippreżenta dawk il-provi essenzjali u meħtieġa għad-difiża tiegħu* u li, jiġi umilment sotttomess, jistgħu jiskaġjonawh minn kull ħtija u imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu jilliedu id-dritt tiegħu ta' smiegħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli, kif sanċit fl-**Art.39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Art. 6 Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta [Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem]**;

2. Illi, d-drittijiet suriferiti huma in parte protetti bl-imposizzjoni ta' diversi obblgi. Id-dmir tal-prosukezzjoni li tippreżenta dawk il-provi kollha, saħansitra dawk li huma favur l-akkuzat, huwa impost mill-Art. 356 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dawk li jimponu li jitħallew li jinġiebu l-aktar prova sġiġa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti u dan *ai termini* tal-Art. 638(1) tal-Kap. 9 [Kodiċi Kriminali] tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Illi, jiġi umilment sottomess bir-rispett li il-mod kif aġixxiet l-Ewwel Onorabbli Qorti li twaqqaf il-produzzjoni ta' dokumenti, hija ekwivalenti għas-sitwazzjoni fejn Qorti tiddeċiedi li ma tismgħax xhud. Id-dokumenti jikkostitwixxu xhieda tagħhom infushom bħala prova. Il-mod kif waqt il-proċeduri quddiema il-provi jittieħdu jew le irid ikun ekwu u ġust. Hekk tenniet il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (minn hanwhekk il-quddiem imsejħa il-*Qorti Ewropeja*) fil-każ Asch. V. Austria li

sabet li d-drittijiet tal-appellant ma kienux ġew vjolati għax kien impossibbli li xhud partikolari tinstema' :

> "*The fact that it was impossible to question Mrs J.L. at the hearing did not therefore, in the circumstances of the case, violate the rights of the defence; it did not deprive the accused of a fair trial*"[1]

4. *A contrariu sensu* mela, jekk huwa possibbli li xhud jew dokument jiġi prodott, bħalma hu f' dan il-każ ix-xhud għandu jinstema' jew xort' oħra id-dokument jitħalla jiġi ppreżentat in atti. Dejjem huwa premess il-fatt li l-Qorti meta tiddeċiedi li ma tismgħax xhud jew titħalla tiġi prodotta xi prova trid tagħti r-raġunijiet għalfejn dan seħħ. Dan kien il-mertu li eżaminat il-Qorti Ewropeja fuq talba tal-appellant fil-kawża ***Vidal v. Belgium***[2]. Hawnhekk l-appellant Vidal kien qiegħed jappella minn deċiżjoni tal-Qorti ta' Kassazzjoni Belġjana, fejn quddiemha kien interpona minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Belġjana, liema qorti tal-aħħar ma' ħallietux jipproduċi xhud u lanqas ma ħallietu jippreżenta dokument partikolari[3], fuq il-bażi li ma kellu ebda valur probatorju, li iżda għalih kien essenzjali. Skond il-Qorti ta' Kassazzjoni, il-Qorti tal-Appell "*...was not bound to indicate the reasons for which it dismissed the application submitted to it for additional evidence to be taken, considered implicitly but clearly in its decision to be of no value in establishing the truth*"[4]

5. Dan kollu ġie soffermat ukoll fil-każ ta' ***Popov v. Russia***[5], li kompliet żżid sejba ta' ħtija o meno tal-imputat kellu jkun msejjes billi anke tisma' dawk ix-xhieda ta' difiza u meta dik il-qorti irrifjutat li tisma' dawk il-provi tinjora r-rilevanza tagħhom, il-Qorti Ewropeja sabet li dan kien jikkostitwixxi limitazzjoni serja tad-drittijiet tad-difiza li huma inkompatibbli mal-garanzijji

---

[1] ***Asch. V. Austria***, App. No. **12398/96**, Strasbourg – deċiża fis-**26.04.1991** - § 31 – *Dan peress li x-xhud iddeċidiet li teżerċita d-dritt tagħha li ma tixhidtx.*
[2] App. No. **12351/86**, Strasbourg – deċiża fit-**22.04.1992**.
[3] *promissory note*
[4] Kassazzjoni Belġjana, deċiża fit-**12.02.1986**
[5] App. No. **26853/04**, Strasbourg - deċiża fil-**11.12.2006**

ta' dritt ta' smigħ xieraq kif sanit permezz tal-Artiklu 6. Din l' invjolabbilita` ta' dan id-dritt, kemm il-darba limitat u mhux mingħajr il-parametri u l-konfini tiegħu (*vide* ***S.N. v. Sweden,*** App. No. **34209/96**[6]) tiġi anke rattifkata f' dawk il-kawżi kriminali li jqanqlu l-aktar emozzjonijiet diffiċli, u ċjoe` allegazzjonijiet ta' abbużi sesswali fuq tfal.

6. Fil-każ **Bocos-Questa v. The Netherlands**[7], il-Qorti Ewropeja, wara li eżaminat il-mertu bir-reqqa sabet vjolazzjoni tal-Art. 6 ibbażat fuq il-fatt li:

> *"the reason given by the domestic courts for dismissing the applicant' s request to hear the victims, namely that the applicant' s interests in hearing them were outweighed by the interests of the four still very young children in not being forced to relive a possibly very traumatic experience, the Court has found no indication in the case file that this reason was based on any concrete evidence such as, for instance, an expert opinion. The Court appreciates that organising criminal proceedings in such a way as to protect the interests of very young witnesses, in particular in trial proceedings involving sexual offences, is a relevant consideration, to be taken into account for the purposes of Article 6. However, the reason given by the trial courts for refusing the applicant' s request to hear the four victims cannot but be regarded as insufficiently substantiated and thus, to a certain extent, speculative...In these circumstances, the Court finds that the applicant cannot be regarded as having had a proper and adequate opportunity to challenge the witness statements which were of a decisive importance for his conviction and, consequently, he did not have a fair trial"*[8]

[6] §44, ECHR 2002-V
[7] App. No. **54789/00**, Strasbourg – deċiża fl-10.02.2006
[8] Ibid. §72-73

7. Illi, huwa prinċipju imħaddan permezz tal-istess dritt li s-smigħ għandu jsir minn tribunal indipendenti u imparzjali. Issa, mhuwiex qiegħed jingħad li neċessarjament l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet strettament parzjali meta irrifjutat lill-imputat waqt li kien qiegħed impedanat u jagħti x-xhieda tiegħu li irrifjutat minngħajr ma tagħti r-raġunijiet tagħha li tħallih jippreżenta dawk id-dokumenti li hu dehrlu kienu essenzjali għalih biex jagħmel id-difiza tiegħu. Li qiegħed pero` jingħad huwa li minħabba in-natura partikolari tal-proċeduri in dizamina, fejn qiegħed jiġi deċiz delitt kważi bi grad ta' prova riżervata għal kontravenzjonijiet, fejn il-liġi qegħeda timponi obbligi oneruzi u fejn id-dottrina hija waħda li teżiġi interpretazzjoni restrittiva ħafna tal-liġijiet li jirregolaw l-ottemperanza fir-rigward tal-Kumissarju tat-Taxxi u anke dik dwar l-Att dwar l-Interpretazzjoni, il-qrati għandhom jibbilanċjaw bili jkunu aktar liberali fl-aċċetazzjoni tal-provi u meta, f' dawk iċ-ċirkostanzi li għandhom jkunu rarissimi fejn il-provi ma jkunux ser jiġu ammessi, *multo magis* id-dover li jiġu provduti raġunijiet u ġustifikazzjonijiet għar-rifjut tagħhom għandhom ikunu osservati ħafna aktar skrupolożament minn każijiet oħra u dan in ħarisen tal-protezzjoni mogħti taht l-**Art. 39 tal-Kostitiuzzjoni** u l-**Art. 6 tal-Att dwar il- Konvenzjoni**.

8. B' hekk allura il-Qorti Ewropeja tat raġun lill-qorti appellata u ma sabet ebda leżjoni taħt l-Art. 6 tal-Konvenzjoni, meta din kienet irrifjutat li tisma' xhieda stante li "*...in the circumstances of the present case, the Court is satisfied that **<u>the domestic courts examined the applicant' s requests</u>** to have witnesses called and **<u>gave detailed reasons for their refusals</u>**, which, in the Court' s view, **<u>were not tainted by arbitrariness</u>**. For these reasons, the refusal to take evidence proposed by the applicant did not amount to a disproportionate restriction on his ability to present arguments in support of his case in the proceeding*"[9]...kemm il-darba però dak ir-rifjut kemm il-darba ġustifikat ma jkunx qiegħed jiġi strumentalizzat fiħ inniffsu sabiex jagħti *patina* ta' leġġittimità għal dak li huwa pależement illegali;

[9] ***Wierzbicki v. Poland***, App. No. **244541/94**, Strasbourg – deċiża fit-**18.06.2002** - § 45

9. Ta' min jirrimarka għalhekk li l-qorti Ewropeja ma kenitx unanima f' din id-deċiżjoni, L-Imħallef Thomassen ma qabilx mal-motivazzjonijiet ta' din is-sentenza u x' aktarx kien qiegħed jieħu nota tal-politiċizzazjoni tad-dirgħa ġudizzjarja f' dak il-pajjiż tant li rrimarka li:

> "*This refusal* ***deprived the applicant of the possibility of proving the truth*** *...****It deprived him also of the possibility of proving that*** *S.N. in fact had been an informant,* ***for which he bore the burden of truth****.* ***It does not*** *however* ***seem obvious that the hearing of these witnesses could not have greatly assisted in the establishment of the facts asserted by the applicant****, ...****The applicant was thus placed in an impossible procedural position***"[10]

10. Għaldaqstant huwa ċar u manifest li l-appellant sofra lezzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu skond l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 tal-att dwar il-Konvenzjoni kif su affermat, u għaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell għanda, waqt is-smigħ ta' dan ir-rikors tal-appell, tagħti kull opportunita` lill-appellant, kif inhi fis-setgħa tagħha li tagħmel, li jippreżenta il-każ tiegħu permezz tax-xhieda orali kif ukoll permezz tad-dokumenti li xtaq jippreżenta in sostenn tat-teżi tiegħu sabiex tiġi indirizzata dan l-aggravju bl-aktar speditezza;

**IT-TIENI AGGRAVJU**

11. Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, it-**Tieni Aggravju tal-Appellant** jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta' ma' applikatx favur l-imputat appellant l-benefiċċju skond l-**Art. 66(5) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta [Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud]**, li tiddetermina:

[10] ***Wierzbicki v. Poland*** - Dissenting opinion of Judge Thomassen

*"Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna: iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa in bona fede u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4)*[11] *jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rappreżentant tagħha."*

12. Illi, waqt is-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u l-appellant kellu biżżejjed provi f' idejħ biex juri li hu:

    (a) qatt ma aġixxa in mala fede u konegwentement dejjem aġixxa bil-buona fede mistenna minnu għal vari karigi li kien jokkupa mas-soċjeta` NPA International Limited; u

    (b) li definitavment ma kisirx dispożizzjonijiet tal-Kap. 406 xjentement, u allura ma setgħax jinżamm responsabbli għad-denunzji mhux imdaħħla għal preijodi ta' riferenza; u

13. Illi, n naħa l-oħra l-prosukuzzjoni m' uriet ebda milll-estremi imsemijja ta' *mala fides* jew xjenza ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att sal-grad rikjet mill-liġi.

14. Illi, tant irriteniet il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża *in re* **Adriana Camilleri Vassallo**[12], fejn iddikjarat l-attriċi mhux responsabbli għal ħlas tat-taxxa dovuta – ħlas li jrid isir mal-preżentata tad-denunzja tat-taxxa – stante li ma kellha ebda kontroll fuq il-finanzi jew proprjeta` tal-kumpanija, osservat li ma kenitx firmatarja bankarja tal-kumpanija, li l-Memoranudum u Artikli ta'

[11] Dan is-subartikolu jimponi l-obbligu fuq ir-rappreżentant li qabel ma jagħmel ħlasijiet ikun apparta minnhom għat-taxxa, ***kemm il-darba però li dik il-persuna ikollu taħt it-tmexxija jew kontroll tiegħu flus jew proprjetà ta' dik il-persuna***

[12] ***Adriana Camilleri Vassallo vs. Commissioner of Value Added Tax***, App. No. **238/12VG** deċiża fis-**06.02.2014**

Assoċjazzjoni ma kenux jestendu mandat lilha permezz ta' prokura u dan għal perijodu relattiv fejn kienet Segretarja tas-soċjeta`;

15. Illi, tant hu hekk li l-bank Bank of Valletta plc kienet niediet proċeduri ta' irkupru għal self li kienet għamlet lill-kumpanija u f' dawk il-proċeduri bil-miktub qatt ma-ċittat lill-appellant stante li hu m' għandux u qatt ma kellu, taħt il-kontroll tiegħu, fondi tal-kumpanija.

16. Illi, l-mertu bejn dawn iż-żewġ kawżi huwa simili izzejjed biex wieħed jinjora. Dan mela m' huwiex il-każ fejn ex-uffiċjal tal-kumpanija kellu taħt il-kontroll tiegħu il-fondi u l-proprjeta` tas-soċjeta` adibita mir-rejat dedott fil-konfront tagħha[13] u non ostante li "...*non osservanza ta' liġi fiskali fejn mhux aċċettabbli*" huwa ċar li fil-każ in diżamina in-nuqqas li jiġu ppreżentati d-denunzji ma kienx dovut għal "*ċertu kavillar żejjed bl-iskop li jiġu evitati l-obbligi imposti mill-leġislatur biex jaċċerta ruħu li tinġabar it-taxxa dovuta f' kull żmien u f' kull każ;*"[14]

17. Għaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell għandha tkun ferm sodisfatta, wara s-smigħ ta' dan ir-rikors ta' appell, li l-appellant kien dejjem qiegħed jaġixxi in buona fede u kemm il-darba qatt ma kellu il-kontroll tal-fondi jew proprjeta` tal-kumpanija ma setgħax jinżamm qatt solidali flimkien magħha għal ħlas tat-taxxa, obbligu dan ta' l-aħħar li huwa inerenti flimkien mal-preżentata tad-denunzja;

**<u>IT-TIELET AGGRAVJU</u>**

18. Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, it-**<u>Tielet Aggravju tal-Appellant</u>**, jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta, wara li sabitu ħati tar-rejati dedotti fil-konfront tiegħu ordnatlu sabiex jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien impost

[13] *vide* **Pulizija [Spettur A. Miruzzi] vs. Michael Sitvala**, 389/2007 – QAK, deċiża fit-**30.04.2008**
[14] Ibid. pġ 6

mill-**Art. 76 tal-Kap. 406** ta' tlett (3) xhur, u fin-nuqqas li jagħmel dan ikun passabbli għal multa ġornaljera ta' ħames Ewro (€5) għal kull ġurnata wara dan iż-żmien mogħti mill-Qorti;

19. Illi, jiġi rilevat li l-appellant irriżenja mill-karigi tiegħu fil-**31.12.2015** u għaldaqstant m' huwiex issa f' pożizzjoni aktar li jikkonferma ruħu mal-liġi u lanqas m' għandu dan l-obbligu stante li huwa svestit minn kull poter rappreżentattiv tas-soċjeta` in kwistjoni;

20. Illi, tant ġie ritenut fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali *in re* ***Jean Carl Farrugia***[15] għal preċiżament l-istess motivazzjonijiet, u ċjoe` li meta persuna ma tkunx f' qagħda li taderixxi ma' obbligi li m' ghadhomx ikunu tagħha ma tkunx tista tinżamm responsabbli, almenu penalment, għan-nuqqas fil-konformita` tagħhom;

## IR-RABA' AGGRAVJU

21. Illi, mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, ir-**Raba' Aggravju tal-Appellant** jikkonsisti fil-fatt li l-piena imposta fuqu hija wisq ħarxa tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ;

22. Illi, huwa ċar u manifest li l-imputat appellant ma kellu ebda ħtija għal dak li ġara fir-rigward tad-denunzji tat-taxxa u jekk dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma' tilqgħax l-appell b' mod li tilliberaħ minn kull imputazzjoni kif spjegat aktar il-fuq fuq dan ir-rikors għandha tal-anqas tirrikonoxxi li bħala professjonist, huwa m' huu xejn aktar minn vittma taċ-ċirkostanzi u li l-Kummissarju, bil-kundanna u l-multa imposta fuqu, xorta ma' spiċċax ġabar it-taxxa dovuta, jekk hemm taxxa dovuta, skond il-liġi u jekk l-ispirtu tal-liġi huwa wieħed li l-pieni għandhom iservu ta' deterrent sabiex tinġabar it-taxxa

[15] *vide* ***Il-Pulizija [Spettur A.P. Miruzzi] vs. Jean Carl Farrugia***, QAK – deċiża fil-**02.04.2009**.

dovuta, ċertament mela f′ dan il-każ dak il-għan ma intlaħqax u mhux ser jintlaħaq bl-impożizzjoni inutili ta′ multi ħorox;

23. Illi, fl-ewwel lok, l-appellant deher quddiem il-Qorti sabiex jirrispondi għal dawn l-akkużi għall-ewwel darba f′ ħajtu u qatt ma kkometta la dan it-tip ta′ rejat u laqnas rejati oħra f′ ħajjtu u għalhekk għandu jkun passabbli għal minimu possibbli li tippermetti l-liġi li f′ dan il-każ huwa ta′ seba′ mitt Ewro (€700);

24. Għalhekk, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta′ dan il-każ u l-fatti esposti waqt is-smigħ ta′ dan ir-rikors, fl-eventwalita` ta′ konferma ta′ ħtija, dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell m′ għanda issib ebda diffikulta` li tnaqqas il-multa imposta ta′ disa′ mitt Ewro (€900) għal dak minimu permissibli bil-liġi ta′ seba′ mitt Ewro (€700), stante li din il-mutla diġa hija ħarxa biżżejjed kif inhi għar-rejat kif ipotizzat mill-prosekuzzjoni;

Illi in breve l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-appellant Michael Debono kien segretarju tal-kumpannija NPA International Ltd;
2. Illi d-denunzji flimkien mal-hlas dovut ghal perjodi li ntemmu fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ma gewx sottomessi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
3. Illi l-appellant irrizenja mill-kariga ta' segretarju tal-kumpannija NPA International Ltd fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015)[16];
4. Illi sussegwentement inharget l-imputazzjoni fil-konfront tal-appellant u l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati.

[16] Skond il-Form K immarkata bhala PS 4 a fol 9.

Illi qabel ma din il-Qorti tibda biex tikkunsidra l-aggravji kontenuti fir-rikors tal-appell, din il-Qorti taghmel referenza ghal parti dispositiva tas-sentenza appellata. F'din il-parti tas-sentenza il-Qorti indikat '*l-artikli 30, 66, 76(c) u 76(d) ta' l-Att XXIII ta' l-1998*' izda l-Qorti ma ndikatx li dawn l-artikoli huma dawk kontenut fil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-Att XXIII tal-1998 kif sussegwentement emendat. Illi ma hemmx dubju li l-Qorti kienet qieghda tirreferi ghall-Att u cioe' ghal Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta meta indikat dawn l-artikoli u ghalhekk l-Att XXIII tal-1998 kif emendat u mhux ghal kontenut tal-artikoli tal-Att XXIII tal-1998 kif originarjament promulgat. Stabbilit dan, din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis l-aggravji tal-appellant.

L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda n-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipproduci prova essenzjali ghad-difiza tal-imputat flimkien mar-rifjut tal-Ewwel Qorti li thalli lill-imputat jipprezenta dawk il-provi essenzjali u mehtiega ghad-difiza tieghu li skont l-appellant jistghu jiskagonawh minn kull htija u imputazzjoni dedotta fil-kkonfront tieghu, jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 225 tal-Ligijiet ta' Malta.[17] Jissottometti li d-dmir tal-prosekuzzjoni impost mill-artikolu 356 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dawk li jimponu li jithallew li jingiebu l-aktar prova shiha u sodisfacenti li l-kaz ikun jaghti u dan *ai termini* tal-artikolu 638(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skont l-appellant il-mod kif agixxiet l-Ewwel Qorti li twaqqaf il-produzzjoni ta' dokumenti hija ekwivalenti ghas-sitwazzjoni fejn Qorti tiddecidedi li ma tismax xhud. Id-dokumenti jikkostituwixxu xhieda taghhom infushom bhala prova. Il-mod kif waqt il-proceduri quddiemha il-provi jittiehdu jew le irid ikun ekwu u gust. Li jekk huwa possibli li xhud jew dokument jigi prodott, bhalma hu f'dan il-kaz, ix-xhud ghandu jinstema' jew xort' ohra id-dokument jithalla jigi pprezentat in atti. Li l-Qorti meta tiddeciedi li ma tismghax xhud jew tithalla tigi prodotta xi prova trid taghti r-ragunijiet ghalfejn dan sehh. L-appellant jaghmel referenza ghal gurisprudenza u jkompli jissottometti li s-smigh ghandu jsir minn tribunal indipendenti u imparjzali. Li skont l-appellant mhuwiex qieghed jinghad li

[17] Din il-Qorti qieghda tifhem li l-appellant b'lapsus indika il-Kapitolu 255 minflokk il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

necessarjament l-Ewwel Qorti kienet strettament parzjali meta irrifjutat lil imputat waqt li kien qieghed impedanat u jaghti x-xhieda tieghu li rrifjutat minghajr ma taghti r-ragunijiet taghha li thallih jipprezenta dawk id-dokumeti li hu dehrlu kienu essenzjali ghalih biex jaghmel id-difiza tieghu. Li skont l-appellant minhabba n-natura partikolari tal-proceduri in dizamina, fejn qieghed jigi deciz delitt kwazi bi grad ta' prova rizervata ghal kotnravenzjonijiet, fejn il-ligi qeghda timponi obbligi oneruzi u fejn id-dottrina hija wahda li tezigi interpretazzjoni restrittiva hafna tal-ligijiet li jirregola l-ottemperanza fir-rigward tal-Kummissarju tat-Tazxxa u anke dik dwar l-Att dwar l-Interpretazzjoni, il-Qrati ghandhom jibbilancjaw billi jkunu aktar liberali fl-accettazzjoni tal-prova u meta f'dawk ic-cirkostanzi ghandhom jkunu rarissimi fen il-provi ma jkunux ser jigu ammessi, *multo magis* id-dover li jigu provduti ragunijiet u gustifikazzjonijiet ghar-rifjut taghhom ghandhom ikunu osservati hafna aktar skrupolozament minn kazijiet ohra u dan in harsien tal-protezzjoni moghti taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni.

Li skont l-appellant huwa sofra lezjoni tad-dritt fundamentli skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni u ghalhekk issotometti li l-Qorti ghandha taghti l-oportunita lil appellant li jipprezenta il-kaz tieghu permezz tax-xhieda orali u permezz tad-dokumenti li xtaq jipprezenta in sostenn tat-tezi tieghu.

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-appellant qieghed jallega li l-Qorti ma pperpettitlux li jipprezenta dokumenti, din il-Qorti sejra tara dak li jirrizulta mill-verbal tal-unika seduta li sehhet quddiem l-Ewwel Qorti u cioe' dik tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018). F'dan il-verbal ghalkemm tnizzel li xehed bil-gurament l-imputat u li gew ipprezenti xi dokumenti, minn imkien ma jirrizulta li saret talba biex jigu prezentati dokumenti u li din it-talba ma gietx akkolta. Lanqas ma jirrizulta li d-difiza ghamlet xi talba biex il-prosekuzzjoni tressaq xi prova dokumentarju ulterjuri. La darba dan ma jirrizultax mill-verbal tas-seduta in kwistjoni, l-appellant ma jistax issa f'dan l-istadju jilmenta li ma nghatax smiegh xieraq. F'kaz li verament kien hemm xi dokumenti li fil-kors tax-xhieda tieghu jew fi stadju iehor l-akkuzat

xtaq jipprezenta u l-Qorti ma ppermettitlux, dan il-fatt kellu jigi vverbalizzat sabiex din tkun tirrizulta mill-atti. Din il-Qorti hija marbuta minn dak li jirrizulta fl-atti u mill-atti ma jirrizultax li kien hemm xi ksur ta' proceduri da parti tal-Ewwel Qorti u lanqas ma jirrizulta li l-appellant ma nghatax il-jedd ta' smiegh xieraq. B'zieda ma dan, din il-Qorti kif preseduta tat l-opportunita' kemm lil Avukat Generali bex iressaq ix-xhieda li kienu xehdu quddiem l-Ewwel Qorti u anke lill appellant sabbiex jerga jiddeponi, din id-darba quddiemha gialadarba ix-xhieda mismugha quddiem l-Ewwel Qorti ghajr is-sommarju li jinstab fil-verbal, mhijiex traskritta. Dan l-aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Illi permezz tat-tieni aggravju, l-appellant issottometti li l-Qorti ghamlet applikazjoni hazina tal-ligi meta ma applikatx favur l-appellant l-beneficcju skond l-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Jissottomettu li kellu bizzejjed provi f'idejh biex juri li hu qatt ma agixxa in mala fede u konsegwentement dejjem agixxa in buona fede mistenni minnu ghal vari karigi li kien jokkupa mas-socjeta' NPA International Limited u li definitivament ma kisirx disposizzjonijiet tal-Kapitolu 406 xjentement u allura ma setghax jinzamm responsabbli gahd-denunzji mhux imdahhla ghal perjodu ta' referenza. Skont l-appellant, il-prosekuzzjoni m'uriet ebda mill-estremi imsemmija ta' mala fede jew xjenza ta' ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att sal-grad rikjest mill-ligi. Jissottometti li l-bank Bank of Valletta plc kien neda proceduri ta' irkupru ghal self li kienet ghamlet lil kumpanija u f'dawk il-proceduri bil-miktub qatt ma citat lil-appellant ghax stante li ma ghandux u qatt ma kellu taht il-kontroll tieghu fondi tal-kumpanija.

Ikkunsidrat;

L-appellant huwa akkuzat li naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lil Kumissarju tat-Taxxi id-denunzji, flimkien mal-hlas dovut li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Ir-registrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud hija fuq NPA International Limited, liema applikazzjoni hija ffirmata minn Jose Sanchez qua Direttur. Skont ma jirrizulta minn PS4 a fol 9, l-appellant Michael Debono irriizenja mill-kariga ta' segretarju tal-kumpanija b'effett mill-wiehed u tletin

(31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Giet prezentata ittra datata s-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena efejn u sittax (2016) mibghuta minn Michael Debono qua Managing Director ta' DConsulta Limited datata s-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) a fol 10 fejn ir-Registratur tal-Kumpannija gie infurmat li DConsulta limited ma kinitx sejra taghti servizzi lil NPA International Ltd mid-data tal-ittra. Din l-ittra hija ffirmata minn Michael Debono bhala Managing Director ta' DConsulta Limited.

Stante li x-xhieda li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti ma kinitx traskritta, rega xehed Paul Scicluna quddiem din il-Qorti fl-isbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn qal li s-Sur Debono naqas milli jipprezienta denunzji li jirrispekkjaw ghal perjodu ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Novembru tas-sena elfejn u hmistax (205), qal ukoll li ma giex suggett ghal multi amministrattiv peress li dawn jisskattaw biss wara li jidhlu d-denunzji. Huwa ma gharafx lill-appellant fl-awla u meta mistoqsi jekk l-appellant ghamilx kuntatt mad-Dipartiment tal-VAT wiegeb li mieghu le. Ma jkunx jaf jekk id-Dipartiment irceviex ittri minghand is-Sur Debono. Ghalhekk skont dan ix-xhud l-appellant naqas milli jipprezenta denunzji ghal perjodu ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). L-akkuza tirrigwarda nuqqas ta' prezentata ta' denunzji u hlas ta' taxxa '*ghal perjodi li ntemmu fil-31 ta' Awwissu 2015 u fit-30 ta' Novembru 2015*'. Ma jirrizultax izda li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt jekk gewx ipprzentati denunzji u ghalhekk din il-Qorti sejra tillimita ruha ghall-aggravji mressqa mill-appellant.

Fl-istess seduta u cioe' fis-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) xehed il-PL Quentin Tanti li xehed dwar id-dokumenti prezentati in atti inkluz mir-rapprezentant tal-VAT Paul Scicluna. Quddiem l-Ewwel Qorti il-PL Quentin Tanti bhala rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpaniji fi hdan il-MFSA kien xehed li Michael Debono kien segretarju tal-kumpanija u mhux Direttur.

Skont ma jirrizulta mil-verbal tal-Ewwel Qorti, l-appellant xehed li kien segretarju tal-kumpanija mill-bidu, kien qed jikkomunika maghhom biex jaghmlu l-pagamenti mieghu. Hu talab agreement maghhom u inqatghet il-kommunikazzjoni maghhom. Xehed li ma kienux qed jibghatulu informazzjoni f'dan il-perjodu. L-appellant xehed quddiem din il-Qorti fis-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) dwar

'MPA International' li din il-Qorti qieghda tifhem li ghandu jaqra 'NPA International Ltd' u xehed li din hija kumpannija li kienet imwaqqfa minn shareholders Francizi u direttur unika li kien Hose Sanchez jigifieri kien Franciz u kien ukoll l-unika bank signatory wkoll fuq din il-kumpanija. L-unika rwol tal-appellant kien li ta' company service provider jigifieri registered office, VAT returns u accounting u dawn it-tip ta' servizzi ta' compliance Spjega li '*din kienet sitwazzjoni izjed kumplikata fir-realta. Din il-kumpanija kienet ħadet loan ukoll mill-Bank of Valletta min Malta taħt il-... Schemme, spiċċaw f'sitwazzjoni ħazina t'a likwidita.*' Xehed li kien qieghed jipprova jghinhom biex jippruvaw isolvu u anke kellu diskussjonijiet f'isimhom mal-Bank of Valletta biex jipprovaw jirrangaw is-sitwazzjoni. Spjega li '*In the meantime jiena tlabthom li dawn jibdew jagħmluli pagamenti jiġifieri regolari u anke li nagħmlu ftehim solidu biex iħallsuni. Tant kemm ilhom li mhux qed iħallsuni li anke kont bgħattilhm ittri legali biex jien nipproteġi l-pożizzjoni tiegħi għax kelli naħseb aktar minn xi għaxar t'elef fuq kumpanija waħda minnhm. Dawn bażikament at one point in time ġabu l-iskuża b'inċident minnhom u qaluli li mhumiex kuntenti eċċ...*' Spjega li '*Meta rajt lis-sitwazzjoni mhix tenibbli u filfatt anke kienu rċevew ittra legali mill-Bank of Valletta minħabba l-loan li kellhom, jiena hemm hekk irreżenjajt minn company secretary, bgħat ukoll ittra lir-registrar of company biex ninfurmah li l-uffiċju tiegħi ma għadux ir-registered office jiġifieri mhiniex nilqa' l-korrispondenza hemm hekk u fl-istess gurnata tal-oħra fit-22 ta' Ġunju jiena ktibt lill-VAT Department infurmajtu b'din is-sitwazzjoni li mhiniex f'pozizzjoni nimla l-VAT returns u għalhekk ma għandix aktar kuntatt ma' dan il-klijent u għalhekk bgħat ukoll il-VAT returns oriġinali li kelli f'idejja li kienu pendenti, li kienu xi tlieta jekk mhux sejjer żball. Bgħattilhom lill-VAT Department biex ovvjament huma jkunu jafu wkoll b''din is-sitwazzjoni w imbagad ikun sta għalihom li jkellmu lid-direttur illi fl-aħħar mill-aħħar huwa responsabbli tal-kumpanija tal-compliance biex isir dak li għandu jsir.* ' Xehed li '*Għal din l-ittra tat-22 ta' Ġunju jiena qatt ma rċevejt risposta, qatt ma rċevejt l-ebda kommunikazzjoni mill-VAT Department u l-ewwel darba li smajt biha kien meta rċevejt it-taħrika għall-kawża ta' qabel din bażikament.*' Mistoqsi ghal motivazzjoni ghalfejn ma ssottomiex il-VAT returns wiegeb '*Li ma kellix iddokumenti f'idejja, l-klijent ma kienx qed jikkopera miegħi u ma kellix ukoll l-ebda' mod ieħor kif jiena indipendement mill-klijent nakkwista nformazzjoni biżżejjed biexinkun qiegħed f'pożizzjoni li nimla l-VAT return b'mod veritier.*' Ikkonferma li prova jikkomunika mal-klijent, li kellu kommunikazzjoni hafna aktar intensiva jigifieri li

damet xhur shah jigifieri '*damet l-isbaħ sena naħseb.*' Dan kien bejn l-elfejn u hmistax (2015) u l-elfejn u sittax (2016).

L-appellant spjega li '*il-klijenti in reality they were buying time. Ġew f'sitwazjoni finanzjajrja ħażina, ma riedux jasslu għall-ftehim miegħi evidentement, pruvaw ġebbduha kemm jista' jkun u jiena minħabba li kelli ammont sostanzjali wkoll li kien dovut lili ppruvajt nasal biex nirrabġa magħhom biex l-affarijiet jitjiebu mbagħad meta ddeċidew li meta bażikament kien aktar jaqqblilhmma jibqgħux jikkomunikaw miegħi ... jwaqqfu mill-kommunikazzjoni w hemm hekk jiena qtajt il-legami kollha mill-kumpanija u nfurmajt ukoll lill-VAT Department fost oħrajn.*' In kontro-ezami xehed li ilu fil-Professjoni ta' accountant CPA ghal tmienja u ghoxrin (28) sena. Ikkonferma li huwa managing partner f'kumpanija li hi '*company service provider u accountancy firm*'. Lil kumpannija in kwistjoni kien ilu jiprovdi servizz qabel l-inkorporazzjoni taghha jigifieri numru ta' snin. Jghid li ghamel diversi kuntatti mal-klijent u mal-VAT Department ghamel kuntatt wiehed permezz ta' ittra. L-ittra ntbaghtet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016). Ma ghandux l-ebda ircevuta jew ackowlegdment ghal dan. Mistqsi jekk ghamilx follow up meta huwa ma kellux acknowledgment tal-ittra wiegeb li '*Not really għax ħassejt li spei l-ballun ma għadux f'saqajja speċi ta' l-ballun f'saqajhom qiegħed issa iktar mill-f'saqajja.*' Ikkonferma li kien segretarju u l-ufficju kien registered office. Mistoqsi jekk ghamilx verifiki fuq taxxa wiegeb li '*Le jiena qatt ma għamilt verifiki jiena għax ma kellix għalfejn. Jiena kont ... naħseb il-klijent kien jagħmel verifiki miegħi għax hu kien ... jiena kont akknoxxenza ta' x'bagħtna, x'irċevejna, l-VAT return ħadnihom by hand għandi l-irċevuta ffirmata, jiġifieri li kelli nagħmel verifiki jiena ma ħasejtx il-bżonn.*' Mistoqsi mill-Qorti jekk anticilentament ghal dawn in-nuqqas ta' returns kienx hemm problemi, wiegeb li '*Ma kienx hemm problemi filfatt li l-VAT returns kollha ta' dawn iż-żewġ soċjetajiet nista' ngħid minn mindu ġew reġistrati għall-VAT sal-aħħar waħda qabel dawn li huma parti minn din il-kawża, kienu kollha ntbgħatu u ntbgħatu fil-ħin ukoll filfatt.*' Ikkonferma li kien Company Secretary tal-*MPS* sas-sena elfejn u sittax (2016).

Mistoqsi kif id-Dipartiment baghat zewg denunzji ghal zewg perjodu, fis-sens ta' x'inhi r-ragun li l-VAT Department wasal li jibghat it-tieni denunzja. Spjega li '*Kelli l-ewwel denunzja, jiena kont qiegħed f'din is-sitwazzjni fejn jiena kont qed nitkellem mall-klijent eċċ eċċ. Għadejjin u konna qegħdin bażikament imdendlin ... Issa jiena f'dak il-*

*mument il-VAT return jiena ma stajtx nimliha għalhekk ħallejtha hem ma kellix triq ħra. Imbagħad iż-żmien għadda u kien hemm VAT return oħra. At one point in time jiena kelli nieħu deċiżjoni li jiena nirreżenja minn kollox bażikament. Ovvjament inti fir-rejalta' meta jkollok kif taqbad tgħid, relazzjoni ta' professjonist u klijent u naħseb anke mhux biss profesjonist, inti mhux mal-ewwel opportunita l-klijent taqtgħalu rasu, jiġifieri naħseb jiena irrid ikun hemm ċertu perjodu raġonevoli u dan m'aħniex qed nitkellmu ... żewġ VAT return tlieta jiġifieri qed nitkellmu perjodu ta' 9 xhur lanqas hija sena sħiħa jiġifieri mhux xi żmien twil.'*

L-appellant fl-appell tieghu ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'XXX vs Commissioner of Value Added Tax</u>**[18]' fejn il-Qorti fost kunsiderazzjonijiet ohra kkunsidrat li:

*'Therefore, once the Applicant did not have under her management and control funds or other immovable property belonging to Furnex Trading Limited she could have never disposed of such funds or property without making adequate provision for any tax due under the Value Added Tax, which potential disposal in any case does not result from the records of these proceedings since no evidence in this regard has been produced, particularly by the Director General (Value Added Tax). This further means that the Applicant could have never breached, let alone knowingly breached Section 66(4) of Chapter 406 of the Laws of Malta. In fact from the testimony given by Roderick Sultana during the sitting held on the 2nd October 2012[19], it transpires that the main breach for which the Director General (Value Added Tax) is holding the Applicant responsible as Company Secretary for Furnex Trading Limited is the failure to submit the tax return for the period 01.09.06 – 30.11.06, which matter will be dealt with and discussed further down in this decision.'*

B'referenza ghall-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fl-istess sentenza ddeciediet li:

*'From the said proviso it clearly results that in the specific circumstances set out therein, the liability of the representative is limited to the funds or to the value of any property under his*

[18] Deciza mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiv fis-6 ta' Frar, 2014 (Rikors numru: 238/2012)
[19] Folio 19 to 26 of the records of the proceedings. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sbatax (17) fis-sentenza citata)

*management or control which belongs to or is due to the person he represents. When this limitation is transposed onto the facts pertinent to this case, and particularly onto the fact that the Applicant does not manage or control and has never managed or controlled funds or property belonging to Furnex Trading Limited, the only conclusion which can be drawn is that in practical terms there is no tangible liability on the part of the Applicant vis-vis any value added tax due by Furnex Trading Limited for the period she was Company Secretary of the said company.*

*Therefore in spite of and without prejudice to the general principle which emerges from Section 66 of Chapter 406 of the Laws of Malta, due to the particular circumstances of this case, the Applicant is correct and justified – on a practical and factual level – in asserting that she cannot be held liable together with Furnex Trading Limited for tax due to the Department of Value Added Tax.*

L-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Rappreżentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qiegħed jirrappreżenta għat-taxxa dovuta minn dik il-persuna:*

*iżda meta ir-rappreżentant ikun aġixxa in bona fede u ma jkunx qiegħed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni oħra taħt dan l-Att, ir-responsabbiltà tiegħu taħt dan is-subartikolu għandha tkun limitata għall-flus jew għall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qiegħed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezantant tagħha.*'

Skont l-appellant, il-Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta ma applikatx favur l-imputat appellant l-beneficcju skond dan is-subartikolu. Li huwa kellu bizzejjed provi beix juri li qatt ma agixxa in male fede u li ma kisirx dispozizzjonnijiet tal-Kapitolu 406 xjentement u li ghalhekk skont l-appellant, huwa ma setghax jinzamm responsabbli ghad-denunzji mhux imdahhla.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-fatti fil-kawza oderna u dik li kienet mertu quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva[20] ma humiex identici. Fl-ewwel lok jirrizulta

[20] Fl-ismijiet 'XXX vs Commissioner of Value Added Tax' deciza fis-6 ta' Frar, 2014 (Rikors numru: 238/2012)

li r-rikorrenti f'dik il-kawza kienet hadet azzjoni fejn intavolat proceduri sabiex tigi dikjarata li ma ghandhiex responsabbilta' solidali mal-kumpanija ghat-taxxa dovuta mill-kumpanija. Mis-sentenza citata jirrizulta ukoll li f'dak il-kaz kienu ghadhom ma ttiehdux proceduri kriminali da parti tad-Dipartiment tal-VAT versu l-applikanta li kienet fi zmien partikolari okkupat il-kariga ta' segretarju ta' kumpannija.

Fil-kaz odjern jirrizulta li l-appellant kien irrizenja mill-kariga ta' segretarju tal-kumpannija in kwistjoni fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) filwaqt li Marylynn Saliba ghall-Kummissarju tat-Taxxi kienet kietbet lil Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu proceduri kontra l-appellant fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) u ghalhekk l-appellant kien ilu li r-rizenja mill-kariga meta nharget ic-citazzjoni. Jirrizulta ukoll li kien hemm zewg denunzji li ma gewx intavolati u cioe' ghal perjodu li ntemm fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u li f'dan iz-zmien l-appellant qua segretarju tal-kumpannija kien responsabbli biex jintavola d-denunzji.

Din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni u hija marbuta biex tiddeciedi skont l-aggravji mressqa mill-appellant fl-ambitu tal-imputazzjoni u ghalhekk is-sentenza odjerna hija limitata ghal fatt li ma gewx intavolati d-denunzji u l-hlas dovut ghal perjodi partikolari u ghalhekk ma tista bl-ebda mod tiddeciedi jekk u b'liema mod japplika l-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrigwarda t-taxxa dovuta. Filfatt irrispettivament ta' jekk hemmx taxxa dovuta jew le, segretarju ta' kumpanija ghandu l-obbligu li jipprezenta d-denunzji fil-hin.

Illi ma hemmx dubju li segretarju ta' kumpanija ghandu r-rapprezentanza u ghalhekk huwa responsabbli sabiex jintavoli d-denunzji fiz-zmien stipulat. L-artikolu 66(1) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Kull segretarju, manager, direttur, stralċjarju jewuffiċjal prinċipali ieħor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet ueżekutur testamentarju u kull kuratur tal-eredità vakanti ta' persunamejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta'xi persuna oħra jew ta' xi trust, fund, jew enti ieħor għandu jkunrappreżentant, għall-għanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta'persuni, persuna mejta, persuna oħra, trust, fund jew enti ieħor,skont il-każ.*'

L-artikolu 82(1) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

*B'żieda u mingħajr preġudizzju għal kull obbligazzjoni ta' xi mpjegat jew persuna oħra, meta xi ħaġa ssir jew tonqos milli ssir minn korp ta' persuni, id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw bħallikieku dik il-ħaġa tkun saret jew naqset milli ssir minn kull direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' dak il-korp ta' persuni: iżda direttur, manager jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp ta' persuni ma jkunx ħati ta' reat bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jekk huwa jġib prova li huwama kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jsir jaf b'dak l-egħmil jew nuqqas u li huwa għamel kull ma seta' jagħmel sabiex iżomm milli jsir dak l-egħmil jew nuqqas.*

L-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 u cioe' l-Att dwar l-Interpretazzjoni jaqra' li:

'*Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager,* ***<u>segretarju</u>*** *jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat: Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi dispożizzjoni litinsab f'Att li fih hemm dispożizzjoni li tixbah id-dispożizzjoni ta'dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara il-bidu fis-seħħ ta' danl-Att.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Illi kif ikkunsidrat, id-denunzji jirrigwardaw dawk li saru dovuti ghal perjodi li ntemmu fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fit-tlettin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Mid-dokumentazzjoni pprezentata jirrizulta li l-appellant irrizenja mill-kariga ta' segretarju tal-kumpanija b'effett mill-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u ghalhekk madwar xahar l-perjodu li ghalaq fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sna elfejn u hmistax (2015) u fejn din il-Qorti qieghda tifhem li ghalhekk meta l-appellant irrizenja mill-kariga ta' segretarju, it-terminu ghall-intavolar tal-ahhar denunzja kien ghadu ghaddej. Filfatt l-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Kull persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għandha tagħmel denunzja lill-Kummissarju għal kull żmien ta' taxxa samhux aktar tard mill-ħmistax-il jum tat-tieni xahar li jiġi wara x-xahar li matulu jintemm iż-żmien ta' taxxa relattiv.*'

L-appellant ma kienx il-persuna registrata izda kien responsabbli ghall-intavolar tad-denunzji qua segretarju tal-kumpannija.

Tirrizulta ukoll ittra tas-sbatax (17) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016) a fol 10 fejn ir-Registratur tal-Kumpaniji gie infurmat li DConsulta Limited ma kienux ghadhom qieghdin jofru s-servizz tal-ufficju registrat u dan mid-data tal-ittra. L-appellant fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti xehed li kien informa lid-Dipartiment tal-VAT fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u sittax (2016). Dak li jirrizulta pruvat huwa li l-appellant kien responsabbli ghall-intavolar tad-denunzji flimkien mal-hlas dovuti gha perjodi li ntemmu fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Din il-Qorti filwaqt li taqbel mal-appellant li ma jirrizultax pruvat li huwa agixxa in mala fede, ma tistax tinjora l-fatt li zewg denunzji baqghu ma gewx ipprezentati.

Din il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija (Spt. A.P. Miruzzi) Vs Jean Carl Farrugia</u>'**[21] fejn gie kkunsidrat:

'*Illi ma saret ebda prova sodisfacenti - li trid tigi mill- appellant - li hu ma kienx jaf bl-eghmil delittwuz* ***u*** *li hu ezercita d-diligenza kollha mehtiega biex jevita l-eghmil tar-reat fiz-zmien li kien ghadu segretarju. Li jghid l- appellant fir-rikors tal-appell hu li hu qatt ma kellu l-informazzjoni necessarja sabiex ikun f' pozizzjoni li jara l- d-denunzji relattivi jigu debitament mimlija w iffirmati minnu ghax ma kellux access ghal din l-informazzjoni.*

*Pero' kif intqal fl-Appell Kriminali :* ***"Il-Pulizija vs. Michael Stivala"*** *fuq citat:-*

*"Dan hu kaz ta' non osservanza ta' ligi fiskali fejn mhux accettabbli certu kavillar zejjed bl-iskop li jigu evitati l- obbligi imposti mill-legislatur biex jaccerta ruhu li tingabar it-taxxa dovuta f' kull zmien u f' kull kaz."* '

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 29/2009)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt.A.P.Miruzzi) vs Robertino Tufigno'**[22] gie kkunsidrat li:

*'Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-appell huma s-segwenti. L- appellant kien gie mahtur company secretary tas-socjeta' fuq imsemmija fis-sena 2006. Id-diretturi tas-socjeta' huma Stefanos Peristerakis u Giorgios Spiliotopoulos, zewg Griegi li ma jghixux Malta. Hu kien jibghat il-VAT returns tas-socjeta' lil dawn iz-zewg diretturi biex jimlewhom huma. Meta kienu jintbaghtu lura lilu kien jispedihom lid-Dipartiment tal-VAT entro t-terminu legali. Gie zmien meta id-diretturi ma baghtux lura dawn ir- returns mimlija lill-appellant nonostante li hu kien iheggighom kontinwament biex jaghmlu dan. Hu kien irrizenja mill-kariga tieghu fit-8 ta' Mejju, 2009, wara li gie notifikat bic-citazzjoni odjerna w ipprezenta il-Form K mal- Malta Financial Services Authority bil-hsieb li din tkun retroattiva sa mit-2 ta' Novembru, 2007. B' dana kollu id- Dipartiment fittex lilu*

*Fattispecji simili ghal dan il-kaz gja gew trattati w decizi minn din il-Qorti li kellha okkazjoni tirrimarka w tosserva li min jassumi karigi simili bhal company secretary jew ta' ufficjal ta' kumpanija li jirrenduh responsabbli ghall-obbligi tas-socjeta' versu d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, irid joqghod ferm attent li jkun f' pozizzjoni li jwettaq dawn l-obbligi fiskali strettament u rigorozament. Jekk ma jkunx hekk munit bil-mezzi biex jadempixxi dawn l-obbligi, s-soluzzjoni trid tkun ir-rizenja tempestiva mill- kariga tieghu akkost li b' hekk jitlef xi onerarju jew kumpens iehor finanzjarju marbut ma tali kariga. (Ara f'dan is-sens App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. J.C Farrugia*** *[02.04.09]).*

*Certament - u dan mhux kontestat mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu - li bhala company secrerary huwa jaqa' fil-kategorija ta' ufficjali tal-kumpanija inkluzi fl-artikolu 82(1) tal-Kap.406 u ghalhekk stricto jure hu jrid ukoll jirrispondi ghan-nuqqas tas-socjeta'. Fil-kamp fiskali irid bilfors ikun hemm certa rigidezza fl-applikazzjoni tal- ligijiet.*

*Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li r-rizenja tal-appellant mill-kariga ta' Company Secretary b' effett retroattiv m' ghandha l-ebda effett fuq ir-responsabbilta' kriminali tal-appellant taht il-Kap.406, anki jekk din giet hekk accettata mill-MFSA.*

*Tajjeb ukoll osservat l-Ewwel Qorti li l-appellant ma jistax jixhed li ghamel minn kollox billi jissollecita liz-zewg diretturi Griegi li jibghatulu r-returns lura debitament mimlija w*

[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Lulju, 2009 (Appell Kriminali Numru: 185/2009)

*ffirmati w fl-istess nifs jghid li ddikjara mal-MFSA li minn Novembru, 2007 ma kien ghamel xejn u ma ha ebda passi fil-kwalita' ta' company secretary. Din hija contradictio in terminis.*

*Jidher car li l-appellant "wanted to have his cake and eat it" billi zamm il-kariga ta' segretarju tul il-periodu tal- inadempjenza tas-socjeta' w issa, li qed jigi mitlub jirrendi kont ghal dak il-periodu, qed ifittex ir-refugju wara rizenja retrospettiva.*

*Lanqas ma kien gust l-appellant mal-Ewwel Qorti meta qal li s-sentenza appellata kienet tikkostringieh li jibghat returns foloz jew nil returns. Dan assolutament mhux minnu. Is-sentenza appellata sabitu hati ta' nuqqasjiet li ghalihom bil-ligi hu ritenut responsabbli dment li ghazel li jzomm il-kariga li kellu, nonostante li kien qed iberraq li jista' jigi fl-inkwiet meta ghal darba, tnejn, tlieta, kull tlitt xhur, kien qed jara li d-diretturi l-ohra kienu qed ipogguh f' pozizzjoni li ma jistax jottempera ruhu mal-ligi, u xorta baqa' jzomm il-kariga tieghu. Is-soluzzjoni kienet mhux li jipprezenta dikjarazzjonijiet jew returns fittizji jew foloz imma li jirrizenja minnufieh.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Audrey McCornick'**[23] gie kkunsidrat li:

*'Permezz tar-raba' aggravju l-appellanti tghid li kien impossibbli ghaliha li timla l-formula rikjesta, kemm ghax ma kellha l-ebda awtorita` u wisq anqas informazzjoni biex timliha. Ma kellhiex raguni temmen li jekk taghmel "NIL" return dan kien se jkun tajjeb. F'dar-rigward bizzejjed wiehed jirreferi ghal sentenzi ricenti ta' din il- Qorti diversament presjeduta li ttrattaw sitwazzjonijet simili. Hekk fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Jean Carl Farrugia*** *moghtija fit-2 ta' April 2009 intqal hekk :*

***"Li jghid l-appellant fir-rikors tal-appell hu li hu qatt ma kellu l-informazzjoni necessarja sabiex ikun f'pozizzjoni li jara li d-denunzji relattivi jigu debitament mimlija w iffirmati minnu ghax ma kellux access ghal din l-informazzjoni.***

***"Pero` kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Michael Stivala fuq citat [22.4.2008] :***

***"'Dan hu kaz ta' non osservanza ta' ligi fiskali fejn mhux accettabbli certu kavillar zejjed bl-iskop li jigu evitati l-obbligi imposti mil-legislatur biex jaccerta ruhu li tingabar it-taxxa dovuta f'kull zmien u f'kull kaz.' "***

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Settembru, 2009 (Appell Numru 369/2008)

*U f'**Il-Pulizija v. Robertino Tufigno** deciz fl-14 ta' Lulju 2009, intqal :*

***"Lanqas ma kien gust l-appellant mal-Ewwel Qorti meta qal li s-sentenza appellata kienet tikkostringieh li jibghat returns foloz jew nil returns. Dan assolutament mhux minnu. Is-sentenza appellata sabitu hati ta' nuqqasijiet li ghalihom bil-ligi hu ritenut responsabbli dment li ghazel li jzomm il-kariga li kellu ...."***

*Ghalhekk anke r-raba' aggravju mhuwiex sostenibbli.'*

Din il-Qorti tqis ghalhekk li gialadarba l-appellant mhuwiex jikkontesta li fiz-zmien mertu tal-imputazzjoni huwa kien jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-kumpannija NPA International Ltd, huwa kien responsabbli sabiex jintavola d-denunzji fil-hin. L-appellant kellu jagixxi imedjatament u cioe' li jirrizenja mill-kariga tieghu mill-aktar fis meta ra l-allegata nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tad-dirigenti tal-kumpanija. Din il-Qorti ma ssibx li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta ma applikatx l-artikolu 66(5) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 66(5) japplika f'dak li jirrigwarda t-taxxa dovuta. Mhijiex sta ghal din il-Qorti biex tiddeciedi liema parti mis-subartikolu 66(5) japplika jew jekk wara kollox dan japplikax ghas-sitwazzjoni tal-appellant. Irrispettivament ta' jekk hemmx taxxa dovuta jew le, segretarju ta' kumpanija ghandu l-obbligu li jipprezenta d-denunzji fil-hin. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad dan l-aggravju.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tielet aggravju l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta wara li sabitu hati tar-reati dedotti fil-konfront tieghu ordnatlu sabiex jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien impost mill-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 ta' tlett (3) xhur u fin-nuqqas li jaghmel dan ikun passabbli ghal multa gornaljera ta' hames Ewro (€5) ghal kull gurnata wara dan iz-zmien moghti mill-Qorti. Issottometta li irrizenja mill-kariga tieghu fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u li ghalhek mhuwiex f'pozizzjoni aktar li jikkonferma ruhu mal-ligi u lanqas ma ghandu dan l-obbligu stante li huwa svestit minn kull poter rapprezentattiv tas-socjeta' in kwistjoni.

L-Ewwel Qorti kkundannat lill appellant ghal multa ta' disa' mitt ewro (€900) u taghtu tlett (3) xhur sabiex jirregola ruhu u li fin-nuqqas ikun hemm multa ta' hames

ewro (€5) ta' kuljum li dan in-nuqqas ikompli. Din il-Qorti taqbel mal-appellant fis-sens li la darba huwa ma ghadux jokkupa l-kariga ta' segretarju tal-kumpanija, huwa ma ghadux f'pozizzjoni li jaghmel dak li ordnatlu l-Qorti u cioe' li jirregola ruhu. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. A.P.Miruzzi) Vs Jean Carl Farrugia'**[24] fejn il-Qorti kkunsidrat li:

'*Pero', kif ikkonceda lejalment l-istess Avukat prosekutur, l-appellant, wara r-rizenja tieghu minn segretarju tal- kumpanija, f'Jannar 2005, ma baqax aktar fil-posizzjoni li jaghmel dak li ordnatlu jaghmel l-Ewwel Qorti w cioe' li fi zmien tlett (3) xhur jikkonforma ruhu mal-Ligi taht penali ta' hmistax (15)-il Euro kuljum li matulu jkompli n-nuqqas.*'

Dan it-tielet aggravju qieghed ghalhekk jigi milqugh.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tar-raba' aggravju, l-appellant issottometta li l-piena imposta fuqu hija wisq harxa tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, li huwa professjonist u li ma hu xejn aktar minn vitma tac-cirkostanzi u li l-Kummissarju bil-kundanna u l-multa imposta fuqu, xorta ma' spiccax gabar it-taxxa dovuta, jekk hemm taxxa dovuta, skond il-ligi u jekk l-ispirtu tal-ligi huwa wiehed li l-pieni ghandhom iservu ta' deterrent sabiex tingabar it-taxxa dovuta, certament mela f'dan il-kaz dak il-ghan ma ntlahhaqx u mhux ser jintlahaq bl-impozizzjoni inutli ta' multi horox. Jissottometti minghajr li ghandu jkun passabbli ghal minimu possibli li tippermetti l-ligi li f'dan il-kaz huwa ta seba' mitt Ewro (€700).

Din il-Qorti tibda biex tissottolinea li l-ligi qieghda hemm biex tigi segwita u li fil-mument li persuna tokkupa l-kariga ta' segretarju ta' kumpanija, ghandha obbligu li tottempera ruhha mal-ligi. Ghalhekk irrispettivament jekk ingabritx it-taxxa dovuta jew le mid-Dipartiment, segretarju ta' kumpanija li ma jkunx intavola d-denunzji flimkien mal-hlas dovut fiz-zmien stipulat ikun passabli ghal proceduri u soggett ghal multi.

Minn naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatti speci tal-kaz. Jirrizulta li d-denunzji flimkien mal-hlas dovut ghal perjodi li ntemmu fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru: 29/2009)

hmistax (2015) ma gewx ipprezentati. Jirrizulta izda li l-appellant irrizenja mill-kariga ta' Segretarju tal-kumpanija NPS International Ltd fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghalhekk jirrizulta li t-terminu ghall-intavolar tal-ahhar denunzja u cioe' tal-perjodu li kien jaghlaq fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) kien ghadu ghaddej. Din il-Qorti tqis ukoll li r-rizenja tal-appellant bhala segretarju saret ferm qabel ma nharget l-imputazzjoni. In oltre' jirrizulta ukoll li l-appellant ilu fil-professjoni ghal numru twal ta' snin u jirrizulta ukoll li l-fedina penali hija wahda netta. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti sejra tnaqqas il-multa imposta u sejra minflokk tordna li tithallas multa ta' seba' mitt ewro (€700).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitament l-appell billi filwaqt li tikkonferma l-htija, thassar u tirrevoka fejn il-Qorti tat lill-appellant tlett (3) xhur biex jirregola ruhu u fejn ordnat li fin-nuqqas ikun hemm multa ta' hames ewro (€5) ta' kulljum li dan in-nuqqas ikompli u fejn il-Qorti ordnat il-hlas ta' multa ta' disa' mitt ewro (€900) u minflokk tikkundanna lil appellant ihallas multa ta' seba' mitt ewro (€700).

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur